MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 386/2004

**Dr. Anthony H. Farrugia**

**Vs**

**Denis Cuschieri**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta:

Premess illi l-attur kera lill-konvenut in forza ta' l-iskrittura privata ta' l-1 ta' Frar, 2004 iffirmat bejn il-kontendenti, (kopja hawn taht annessa u mmarkata Dokument A), il-fond konsistenti f'flat numru hamsa (5) fil-blokk tal-bini 155, Rudolph Mansions, Rudolph Street, Sliema;

Premess illi l-konvenut naqas milli jonera l-obbligi tieghu ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-kuntratt in kwantu naqas milli jhallas il-kera ta' mitt Lira Maltin (Lm100) dovuta minnu bil-quddiem fl-ewwel tax-xahar, ghax-xhur ta' Marzu, April u Mejju;

Premess illi l-konvenut, interpellat mill-attur diversi drabi, permezz ta' ittra legali tas-sebgha (7) ta' Marzu ghall-hlas tal-kera dovuta fl-ewwel (1) ta' Marzu u ittra legali datat t-tletin (30) ta' Marzu ghall-hlas tal-kera dovuta fl-ewwel (1) ta' Marzu u fl-ewwel (1) ta' April (kopji hawn taht annessi u mmarkati Dok. B u Dok. C rispettivament), baqa' nadempjenti;

Premess illi l-konvenut naqas ukoll mill-obbligu kontrattwali tieghu stabbilit fl-Artikolu 7 tal-kuntratt fuq imsemmi in kwantu naqas milli jiehu l-passi necessarji u jaghmel il-proceduri mehtiega sabiex fil-konfronti tal-Water Services Corporation jibda jidher bhala l-utent u nkwilin tal-fond fuq imsemmi u jhallas il-kirjiet tal-meters u l-konsum tas-servizzi relattivi bir-rizultat li dawn ghadhom jghajtu lill-attur li qed jigi msejjah biex ihallas il-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma;

Premess illi in vista tac-cirkostanzi tal-kaz odjern, l-ghotja ta' hin addizzjonali sabiex il-konvenut jezegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu jikkawza hsara lill-attur;

Premess illi in vista tas-suespost, hemm bazi u lok ta' xoljiment ta' kera u zgumbrament;

Premess illi fic-cirkostanzi fuq premessi huwa applikabbli l-Artikolu 167 (1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh u dan a termini ta' l-Artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut kien inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghu kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghotja ta' hin addizzjonali lill-konvenut sabiex jissodisfa l-obbligazzjonijiet tieghu huwa ta' pregudizzju ghall-attur;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi in vista tas-suespost, hemm bazi u lok fil-ligi ghax-xoljiment tal-kera u zgumbrament;

5. Ixxolji l-kera u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond konsistenti fi flat numru hamsa (5) fil-blokk tal-bini 155, Rudolph Mansions, Rudolph Street, Sliema, fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri legali tas-7 ta' Marzu, 2004 u tat-30 ta' Marzu, 2004 u bir-rizerva ghal azzjoni ta' danni skond il-ligi.

Il-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci.

Semghet l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni u ai fini tal-hames talba tipprefiggi xahar zmien improrogabbli biex il-konvenut jizgombra mill-fond mertu tac-citazzjoni, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------